MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2010

Numru 140/2001

PULIZIJA
SPETTUR NICHOLAS CIAPPARA
SPETTUR NEVILLE AQUILINA
VS
ANTHONY BEZZINA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Anthony Bezzina ta' 48 sena, iben Xandru u Mikelina mwielda Zarb, imwieled Ghajn Tuffieha, limit ta' San Pawl il-Bahar, fis-27 ta' Awissu 1952, residenti St. Lawrence, Triq San Publju, San Pawl il-Bahar u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru, 655852(M).

Illi huwa akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer matul dawn it-18-il xahar, qabel l-4 ta' April 1997, assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jitraffika medicina f'dawn il-Gzejjer kontra d-dispozizzjoni ta' l-ordinanza dwar

medicini perikoluzi jew ippromova, ikkostitwixxa, organiza, jew iffinanzja din l-assocjazzjoni u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 22(1)(f) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-4 ta’ April 1997, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, xjentament henn jew assista lill-attur/i ta’ delitt, li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat, fil-mew ta’ Christopher Agius, mir-Rahal Gdid.

Illi huwa akkuzat ukoll talli sar recediv skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), iddatati, 12 ta’ Gunju 1980, Awla F; 28 ta’ Frar 1984, Awla F; u 10 ta’ Settembru 1991, Awla B; u mill-Qrati ta’ l-Appell datati 16 ta’ Lulju 1992 u fit-2 ta’ Frar 1996.

Il-Qorti hija mitluba li barra li taghti l-piena stabbilita mill-Ligi tordna lill-imsemmija persuna thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti, kif provdut fl-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali (fol.22) u ta’ l-imputat (fol.23) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ Anthony Bezzina (ara fol.390 sa fol.397);

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Superintendent Nicholas Ciappara xhed (a fol.24 et seq.) illi kien miet certu Christopher Agius fl-4 ta’ April 1997 u kienet issejhet Inkjesta Magisterjali. Fil-kors ta’ din l-inkjesta kien hemm ammont konsiderevoli ta’ nies (ara

fol.25) – fosthom Sandra Attard. Superintendent Nicholas Ciappara xehed illi Attard infurmahom illi hija kienet dipendenti fuq id-droga eroina  u li l-imputat kien jaghtiha bejn ghoxrin (Lm20) u mija u hamsin liri Maltin (Lm150) kuljum f'dsatax (19)-il xahar li kien jghix maghha. Superintendent Nicholas Ciappara xehed li Sandra Attard qalet ukoll illi l-imputat Bezzina gieli ta xi ghaxar liri Maltin (Lm10) lil mejjet Christopher Agius meta dan ma kienx jkollu flus u kien mifni b'*withdrawal symptoms*.

Superintendent Nicholas Ciappara xehed ukoll illi mill-investigazzjonijiet ulterjuri irrizultalu li Noel Abela, li wkoll ghamel xi zmien jghix ma' Sandra Attard, informa lil Pulizija li Christopher Agius kien miet b'*overdose* fil-*flat* ta' Sandra Attard, u minkejja li pprovaw jghinuh, ma rnexxielhomx u ghalhekk wara li miet Christopher Agius, l-imputat Bezzina u Sandra Attard ghabbew lil Christopher Agius gol-karozza fejn l-imputat isuq il-mejjet u Sandra Attard jsegwi bil-karozza taghha, u tellawh fil-*flat* tieghu (ta' Christopher Agius).

Fl-istqarrija tieghu Dok.NC1 u Dok.NC2, l-imputat Anthony Bezzina, jinnega dana kollu u ghazel li ma jaffermax Dok.NC1, pero' iffirma Dok.NC2 (fol.16)

PC 279 Kevin Gauci kkonferma l-istqarrija ta' l-imputat Dok.NC2.

Gie ezebit il-process verbal tal-mewt ta' Christopher Agius Dok.AG (a fol.41 et seq.)

Perit Richard Aquilina kkonferma r-relazzjoni tieghu ezebita fil-process verbal (a fol.77).

Gew ezebiti zewg processi verbali ohra (ara Dok.MC, Dok.MC1) kif ukoll Dok.MC2 parti min process tal-kawza Pulizija vs. Anthony Bezzina li kien qieghed jinstema mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. Lawrence Quintano.

Il-Qorti tikkonstata li l-process verbal ezebit bhala Dok.MC huwa l-istess process verbal ezebit bhala Dok.AG

Spettur Neville Aquilina fix-xhieda tieghu tas-17 ta’ Frar, 2005 xehed dwar il-kontenut ta’ l-istqarrija ta’ l-imputat Dok.NC1 u kkonfermaha. Huwa stqarr li dakinhar li nstab mejjet Christopher Agius, l-imputat Bezzina kien mar ghand Sandra Attard. Anthony Bezzina u Sandra Attard kienu hargu bil-karozza u ltaqghu ma’ Christopher Agius fil-pjazza ta’ Rahal Gdid. Christopher Agius talab lil Sandra Attard ghal droga eroina u hi haditu d-dar taghha fejn Attard u Agius sajru d-droga u nfettawha; meta Agius, fuq it-tieni nfezzjoni, qal il-kliem, “Kemm tahraq,” Sandra Attard irrispondietu li d-droga kienet mahmuga. Wara dan, Christopher Agius, talab lil Anthony Bezzina jiehdu lura x-xoghol sax-*Ship-building* u, fil-fatt, Anthony Bezzina hekk ghamel. Sar xi diskors fuq bejgh ta’ karozza. Superintendent Neville Aquilina xehed li l-imputat qal li kien jaghti l-flus lil Sandra Attard u din kienet tixtri d-droga bihom. Superintendent Aquilina xehed ukoll illi qabel l-istqarrija, l-imputat kien semma s-somma ta’ Lm700 li kien ta lil Christopher Agius ghal xi *drums* taz-zejt li Agius kien ser jiehu mix-*Ship-building* izda Anthony Bezzina nnega kollox meta gew biex jaghmlu l-istqarrija.

Gie ezebit l-atti processwali tal-kawza Pulizija vs. Sandra Said (Attard) bhala d-Dok.NB

Sandra Said (Attard) kkonfermat ix-xhieda taghha (a fol.265 et seq. – Dok.NB) Sandra Said xehedet fit-tul dwar il-kaz ta’ tifla taghha li kienet **giet abbuzata fizikament u sesswalment minn Noel Abela u xehedet illi meta rrapurtat dana kollu lil Pulizija, Noel Abela, bi tpattija, ta informazzjoni lil Pulizija dwar il-mewt ta’ Christopher Agius**.

Alexandra Said ikkonfermat li kienet tat ix-xhieda li tidher f’Dok.NB izda mhux il-kontenut taghha. Hija qalet illi hija dak il-hin la rat lil Christopher Agius lanqas lill-imputat. Xehedet illi wara li miet Agius kien cemplilha l-imputat biex jaghtiha l-ahbar, u ghalkemm Anthony Bezzina qalilha li kien ta seba’ mitt liri Maltin (Lm700), hija ma emnitux lil Bezzina.

Sandra Said xehedet illi, meta ltaqghet ma’ l-imputat Anthony Bezzina, hija kienet qaltlu mill-ewwel dwar id-dipendenza taghha fuq id-droga eroina u li fl-ewwel disa’ (9) xhur tar-relazzjoni taghhom ta’ sentejn, l-imputat Bezzina kien jaghtiha il-flus u jgibilha hafna ikel id-dar:

“*basta jarani gewwa u mhux nigri barra*.”

Mitlubha mill-Qorti (a fol.256) ir-raguni il-ghaliex l-imputat kien jghaddilha dawk il-flus kollha, Sandra Said xehedet illi l-imputat kien jirrispettaha, avolja kienet *drug addict.* Qalet ukoll illi l-imputat kien ragel mizzewweg u li kellu zewgt itfal, izda hu ghazel li jghix maghha. Xehedet illi fil-bidu kien jatiha xi ghaxar liri Maltin (Lm10) kuljum u hi, mill-flus illi kien jatiha, kienet izzommu fid-dar, issajjar u titma lilu wkoll. Illi kif imbaghad, il-vizzju tad-droga dahal iktar ‘il gewwa, Sandra Said kien ikollha bzonn hafna iktar droga biex tfieq u l-konsum taghha kien zdied b’hamsin lira Maltin (Lm50) *a day*. Illi maz-zmien, dan il-vizzju, sar ferm aktar akut u Sandra Said kienet tonfoq mal-mija u hamsin lira Maltin (Lm150) *a day* ghad-droga. F’dan il-perijodu ta’ zmien, l-imputat Anthony Bezzina kien iqatta l-gurnata shiha d-dar ghandha u jitlaq biss biex jorqod id-dar tieghu tard filghaxija. A fol.259, Sandra Said ikkonfermat illi hija gieli xtrat droga minghand Fausto Barbara u li meta kienet taghmel dan gieli kien prezenti l-imputat Bezzina u daqqa kien jatiha l-flus l-imputat stess, gieli wkoll kien l-imputat illi ta l-flus direttament lil Fausto Barbara.

Giet ezebita sentenza ta’ l-10 ta’ Settembru 1991 dwar in-nuqqas ta’ licenza tal-karozza A 9689.

Spettur Paul Bond (a fol.312) Dok.PB, sentenza fil-konfront ta’ l-imputat Bezzina u ghamel ix-xhieda ta’ l-identita’.

Noel Abela (a fol.315) xehed illi huwa kien jaf lill-imputat il-ghaliex kien jiffrekwenta lil Sandra Said. Huwa xehed illi kien huwa stess illi talab illi jkellem lill-Ufficjal Prosekutur fuq il-mewt ta’ Christopher Agius, li kien habib tieghu. Noel Abela xehed li hu kien informa lill-Ufficjal Prosekutur

Nicholas Ciappara illi Christopher Agius kien miet fil-fond ta' Sandra Said, f'Rahal Gdid, wara illi Agius u Said kienu abbuzaw mid-droga flimkien. Illi wara l-mewt ta' Agius, Sandra Said u Anthony Bezzina kienu garrewh ghal fond gol-Kalkara. Noel Abela xehed illi huwa kien ghamel perijodu joqghod fil-fond ta' Sandra Said, minghajr qatt ma kellu relazzjoni sesswali maghha. Abela xehed li huwa kien jaf lil Christopher Agius il-ghaliex kienu ghamlu Programm ta' Rijabilitazzjoni Kontra d-Droga flimkien, izda Agius kien rega' waqa fil-vizzju sussegwentement. Noel Abela xehed illi kienet Sandra Said stess li kienet taghtu dawn id-dettalji. Noel Abela jixehed is-segwenti:

***Prosekuzzjoni: "Kien hemm xi hadd prezenti meta dawn (Said u Agius) kienu jabbuzaw mid-droga?"***
***Xhud: "Le kienu huma, imma mbaghad kien mar Anthony Bezzina biex inehhuh minn fuq il-post, ma kienx maghhom hu dakinhar li abbuzaw."*** (vide xhieda a fol.317)

Noel Abela kkonferma illi huwa kien ta l-istqarrija tieghu lis-Superintendent Nicholas Ciappara u li mbaghad kien halifha bil-gurament. Noel Abela kompla jghid illi l-katavru ta' Christopher Agius kien mehud minn Anthony Bezzina fil-karozza tieghu Cortina bajda u li Sandra Said kienet segwitu bil-karozza taghha, liema karozza kienet mikrija lilha lil Anthony Bezzina. Abela kkonferma illi Sandra Said kienet dipendenti fuq id-droga. Noel Abela kkonferma illi Sandra Said:

***"…kienet iktar qeghda mieghu iktar minhabba l-flus fhimt biex itiha l-flus, itiha l-flus."*** (ara xhieda a fol.319).

Noel Abela kkonferma x-xhieda tieghu, a fol.65 ta' l-atti processwali, mmarkati bhala Dok.NB
A fol.320, Noel Abela xehed illi huwa kien ta t-testimonjanza tieghu ghax haseb li kien qed jaghmel xi haga ghal gid u gieh kollox hazin. Noel Abela kkonferma wkoll illi l-imputat kien jghaddi l-flus lil Sandra Said sabiex ukoll tmantni lit-tifla taghha**. In fatti, kien ukoll jikrilha karozza u anke rrangalha d-dar taghha**. Abela (a fol.321) xehed illi l-imputat Bezzina ghamel perijodu

konsiderevoli jghix f'relazzjoni ma' Sandra Said u gharaf lill-imputat Bezzina prezenti fl-awla.

Fi-seduta tal-11 ta' Mejju 2006, id-Difiza ezentat lil Prosekuzzjoni mix-xhieda ta' l-identita' ghas-sentenzi ezebiti u l-imputat Bezzina accetta l-istess, bhala mghoddija ingudikat fil-konfront tieghu.

Superintendent Nicholas Ciappara (a fol.339) ezebixxa sentenza Dok.NCZ, fil-konfront ta' l-imputat Bezzina.

Fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2006, id-Difiza ezentat lil Prosekuzzjoni mix-xhieda ta' l-identita' ghas-sentenza Dok.NCZ

George Agius (a fol.342) informa lil Qorti illi fil-funeral ta' Christopher Agius kien iltaqa' ma' Noel Abela, li deher ecitat hafna, u li ried jghidlu xi haga. Illi wara xi gimgha, George Agius, issikka bid-diskors lil Noel Abela biex jghidlu x'kien jaf u Abela nfurmah illi Christopher Agius kien miet fid-dar ta' Sandra u li l-imputat kien garr il-katavru ta' Christopher Agius ghal Kalkara. George Agius xehed illi kien mar jirraporta dana kollu lil Pulizija minnufih. George Agius ikkonferma li l-imputat Bezzina kellu Cortina bajda GAC 698 u li Noel Abela, maghruf bhala 'In-Noe', kien tah l-informazzjoni illi Bezzina kien garr il-katavru f'din il-karozza. George Agius kkonferma illi Noel Abela ma kien qallu xejn fir-rigward ta' Sandra Said. Ikkonferma x-xhieda li ta (a fol.104 sa fol.107) f'tad-Dok.NB

Joseph Mallia (a fol.346), Espert ta' l-impronti digitali, kkonferma illi ebda wiehed mid-dsatax (19)-il impronti digitali u palmari, elevati fl-inkjesti, ma qablet ma' dawk ta' l-imputat (ara fol.337) u ezebixxa r-rapport tieghu Dok.JM (a fol.347 et seq.)

George Agius, riprodott (a fol.372), gharaf lill-imputat bhala l-persuna ta’ Anthony Bezzina li dwara xehed fit-testimonjanza tieghu.

L-imputat Anthony Bezzina (ara xhieda a fol.376), ikkonferma l-istqarrija tieghu (Dok.NC minn fol.19 sa fol.21) u xehed li huwa kellu relazzjoni ma’ Sandra Said u ma setghax jiddistakka ruhu minnha. Huwa xehed illi hu qat ma ghix apertament maghha u li kienet tehodlu l-flus bilfors. Xehed illi pprova diversi drabi biex jinhall minn din ir-relazzjoni izda Sandra Said kienet titfaghlu l-karti u ritratti fil-*letter box* tieghu. Xehed illi fil-bidu tar-relazzjoni, hu kien jghati lil Sandra Said, xi haga zghira tal-flus sabiex tmantni lit-tifla taghha il-ghaliex il-flus tar-*relief*, Sandra Said, kienet tonfoqhom fuq drogi. Allavolja kienet iccempillu diversi drabi biex imur sa ghandha, l-imputat xehed illi:

*“U kemm-il darba cempilt jiena lil dawn* (ghal Pulizija) *u ma jmorrux ghax kont nara lin-nies dehlin bid-droga mbaghad nqabad dik il-persuna, mhux ha nsemmi min hu, dak **jien** cempilt u kien inqabad bid-droga, taf minhu…Faustu.”* (fol.377)

L-imputat Bezzina xehed illi hu kien ilu jsus wara Sandra Said biex ma jkolliex kuntatti iktar ma’ Noel Abela, l-imputat xehed illi huwa kien jaghti l-flus lil Sandra Said biex tghix hi u tghajjex lit-tifla taghha:

*“Jiena l-bqija qatt ma ridt intiha flus biex tiehu d-drogi.”*

A fol.378, huwa xehed illi kien jghaddi l-flus ghal manteniment tat-tifla ta’ Sandra Said ghaliex kien jithassar lil dik it-tifla u l-estremitajiet li kienet qeghedha fih. Huwa xehed illi dak iz-zmien huwa kien jahdem fil-barriera tieghu u kien jaqla’ flus sew. Xehed illi minkejja l-fatt illi kien veru illi huwa kien qieghed jghaddi xi flus lil Said, ghal manteniment tat-tifla taghha, dawn il-flus, certament,

ma kienux jammontaw ghas-somom straordinarji, illi semmiet Sandra Said fix-xhieda taghha. L-imputat, pero', jghid illi Sandra Said kienet izzommu fir-relazzjoni minhabba li kienet tirrikattah, fis-sens li tikxfu mal-mara tieghu. In fatti, Sandra Said, kienet sahansitra tigih id-dar matrimonjali, titfaghlu ittri u ritratti fil-*letter box* u tghid certu kliem lil bintu:

*"It-tifla tibki filghodu, tghidli cemplitli dik, l-affarijiet li bdiet tghidli, gennitni kienet hux."* (ara fol.380)

L-imputat ikkonferma wkoll l-istqarrija tieghu (Dok.NC2)

A fol.381, l-imputat ikkonferma illi hu, l-ahhar li kien ra lil Christopher Agius, kien it-Tlieta, kif xehed fl-*istatement* u ma kienx prezenti meta miet Christopher Agius.

Ikkonsidrat:

L-imputat jinsab mixli b'assoccazzjoni ghat-traffikar ta' drogi u b'komplicita' fil-qtil involontarju ta' Christopher Agius. Illi minkejja illi din il-Qorti semghet ammont konsiderevoli ta' provi, meta wiehed jaghsar u jarbel dawn il-provi, wiehed issib illi fil-fatt, parti sostanzjali ta' din ix-xhieda tikkonsisti f'*hearsay evidence*, waqt illi t-testimonjanza tax-xhud principali Alexandra Attard, illi fuqha l-Prosekuzzjoni donnha serhet il-kaz kollu, bl-ebda mod ma jissosstanzjaw ir-reati li bihom jinstab mixli l-imputat. Dan qed jinhad ghal diversi ragunijiet, liema ragunijiet ser jigu llustrati b'referenza ghal kull akkuza migjuba kontra l-imputat:

**1. Assoccjazzjoni fir-reat ta' traffikar droga**.

Il-Ligi Maltija u cioe *Dangerous Drugs* Ordinance Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta u precizament l-Artikolu 22 (1) (*f*) jipprovdi:

"any person"

" - ommissis"

“who with another one or more persons in Malta or outside Malta conspires for the purposes of selling or dealing in a drug in these Islands against the provisions of this Ordinance or who promotes, constitutes, organises or finances the conspiracy, shall be guilty of an offence against this Ordinance.”

Illi huwa evidenti illi sabiex jissussisti dan ir-reat jehtieg illi, l-elementi ta’ dan ir-reat, jigu pprovati bla dubbju dettat mir-raguni. Dawn l-elementi kostituttivi huma dawk illi elaborat il-Qorti Kriminali fis-sentenza **Repubbblika ta’ Malta vs. Simon Galdes** deciza fit-2 ta’ Frar 2006 li huma s-segwenti:

1. Iz-zmien li jkun sar ir-reat,
2. Illi jkun hemm mill-anqas persuna ohra involuta f’Malta jew barra minn Malta,
3. Sabiex tigi ttraffikata d-droga,
4. Li jkun hemm ftehim dwar il-mod kif din id-droga ser tigi ttraffikata.

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni johrog bl-aktar mod car illi l-imputat kien mizzewweg b’zewgt (2) itfal u li tilef ghaqlu fuq Alexandra Said (Attard), mara tant diependenti fuq id-droga, illi kienet imjassra kompletament minn dan il-vizzju. L-imputat illi kien negozjant kbir, beda jghix ma’ din il-mara u kien imantni lil Alexandra Said (Attard) u lil bintha u kien jaghti, lil din il-mara, ammont sostanzjali ta’ flus. Kien igib l-ikel id-dar, jirrangalha d-dar, fi sforz biex din il-mara,minhabba il-vizzju taghha, almenu, ma tkunx ridotta ghal prostituzzjoni, ghall-ghixien taghha. Dana kollu johrog car mill-istqarrija ta’ l-imputat u mix-xhieda ta’ Alexandra Said (Attard) u t-testimonjanza li l-imputat ta’ quddiem il-Qorti

Illi x-xhieda, prodotti mill-Prosekuzzjoni, li tressqu biex b’xi mod, isir tentattiv biex tigi provata l-akkuza ta’ assoccjazzjoni huma biss tnejn (2) u cioe lil Noel Abela u lil George Agius.

Il-Qorti ma tistghax, moralment jew legalment, takkolji x-xhieda ta’ Noel Abela, il-ghaliex ix-xhieda ta’ Abela hija merament *hearsay evidence* u ma ghandha ebda piz legali. Illi apparti minn dana kollu l-Qorti apprezzat l-animu hazin ta’ dan ix-xhud illi kien **ex-amante** ta’ Alexandra Said u jidher illi Abela rregistra r-rapport tieghu mall-Pulizija **wara** li l-istess Said kienet akkuzat Noel Abela il-ghaliex kien abbuza sesswalment u fizikament lit-tifla taghha waqt li kien qed jghix ma’ l-istess Alexandra Said.

Illi, di piu’, ix-xhieda ta’ George Agius, hija doppjament *hearsay evidence*, il-ghaliex George Agius iddepona fuq dak illi qallu Noel Abela li rrapurtalu x’qaltlu Alexandra Said.

Illi, in oltre’, mix-xhieda ta’ Alexandra Said jirrizulta illi din kienet qed tixtri d-droga minghand certu Fausto Barbara u li ma hemmx xrara ta’ evidenza illi turi li b’xi mod, anke remot, l-imputat kien qed jassoccja ma’ dan Barbara sabiex jitraffika xi droga.

Mill-provi johrog car illi l-imputat qatt ma kellu vizzju ta’ droga u l-Pulizija qatt ma sabu xi tracca ta’ drogi fuq il-persuna tieghu. Illi, di piu’, l-Prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova dwar xi modalita’ ta’ xi ftehim ghal finijiet tar-reat ta’ assoccjazzjoni bi skop ta’ traffikar ta’ medicina perikoluza.

L-imputat kellu biss l-isfortuna illi kien infatwat b’mod assolut ma’ *drug addict* illi maghha ddecieda li jqatta’ l-bicca l-kbira tal-gurnata ghal zmien konsiderevoli.

Illi ghaldaqstant il-Qorti ssib illi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tipprova l-ewwel (1) akkuza dedotta kontra l-imputat bla dubbju dettat mir-raguni.

**1. Il-komplicita’ fir-reat ta’ omicidju involontarju.**

Ir-reat ta’ omicidju involontarju u cioe t-tieni (2) akkuza illi bieh jinstab mixli l-imputat jippressupponi l-“culpa” u cioe n-nuqqas ta’ prevedibilita’ ta’ dak li ghandu ragonevolment

jigi previst. Illi din il-Qorti ssibha difficli kif il-Prosekuzzjoni tista’ tipplaka din in-nozzjoni ta’ imprevedibilita’ u tipprovaha bla dubbju dettat mir-raguni, waqt li fl-istess hin tipprova wkoll “il-*common design*” illi hija l-principju bazilari tan-nozzjoni tal-komplicita’.

Il-Qorti ippressupponiet illi dan l-ezercizzju kien ser jirrekjedi certu provi sofistikati sabiex jigu pprovati skond il-Ligi, zewg nozzjonijiet illi huma apparentement kontradittorji. Il-Prosekuzzjoni mhux biss ma resqitx provi ta’ din in-natura izda l-Qorti rat illi l-maggior parti tal-provi huma kollha *hearsay* (ara xhieda ta’ Noel Abela u George Agius) u li, l-uniku provi li tressqu, u cioe dawk ta’ Alexandra Said, jissostanzjaw *complicity after the fact,* nozzjoni li ma tezistix fil-Ligi Maltija.

Illi, apparti dana kollu, r-rapporti tal-patologisti, fuq il-kawza tal-mewt ta’ Christopher Agius, ma hijiex wahda konklussiva, hekk per ezempju, l-Esperti Dr. Ali Safraz u Dr. Brigitte Ellul, iddikjaraw illi Christopher Agius:

***“died of pulmonary oedema, the cause of which is to be ascertained from toxicological analysis.”***

L-espert ta’ tossikologija, Dr. Michael Sammut, ikkonkluda illi l-kawza tal-mewt **setghet** giet attribwita ghall-abbuz ta’ medicinali u droga. Illi, di piu’, l-istess Espert iddikjara illi kien difficli jikkonkludi illi l-mewt sehhet, b’kawza ta’ abbuz ta’ droga eroina, in kwantu t-tolleranza ta’ din id-droga tvarja minn persuna ghall-ohra.

Illi, fi kliem iehor, il-prosekuzzjoni naqset illi tiprova illi Christopher Agius miet b’*overdose* ta’ droga eroina. Illi, di piu’, il-Prosekuzzjoni naqset illi tiprova illi l-imputat Bezzina ghamel xi haga li wasslet ghal mewt ta’ l-istess Christopher Agius.

L-uniku prova illi seta’ kien hemm, kien fil-konfront ta’ komplicita’ tar-reat mahsub taht l-Artikolu 239 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe habi ta’ persuna maqtula li timporta piena massima ta’ sitt xhur, reat li bih qatt ma gie mixli l-imputat.

## 2. Recediva

Huwa kwazi superfluwu illi jinghad illi gia la darba l-Qorti ma sabitx htija fl-ewwel zewg (2) akkuza, certament ma tistghax issib htija ta' recediva.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat, Anthony Bezzina, mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------